# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 355/2011/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Sammy sive Simon Borg**

Illum 12 ta' Ġunju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Sammy sive Simon Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 179577(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, bejn it-28 ta' Settembru 2009 u t-8 ta' Frar 2010:

1. b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkorrompa lil Joseph Mary Agius, Sindku tal-Kunsill Lokali ta' San Ġwann;

2. fl-istess perjodu, lok u ċirkostanzi, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, wiegħed, ta jew offra, sew b'mod dirett jew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna, li asserixxiet jew ikkonfermat li kienet kapaċi tagħmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub-Titolu IV tat-Titolu III tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iġġiegħel lil dik l-istess persuna teżerċita dik l-influwenza.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tapplika l-provvedimenti ta' Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' April 2025, fejn il-Qorti, minħabba nuqqas ta' provi, illiberat lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u b'hekk illiberatu minn kull ħtija u piena.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fid-29 ta' April 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti u minflok issib lill-appellat Sammy sive Simon Borg ħati tal-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjoni, u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-konfront tal-istess."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-appellat Sammy sive Simon Borg għar-Rikors tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-26 ta' Mejju 2025.

Rat illi minkejja li l-avukat mill-uffiċju tal-appellant Avukat Ġenerali u l-konsulent legali tal-appellat ingħataw żmien biex jippreżentaw Nota ta' Sottomissjonijiet, huma baqgħu ma ppreżentaw l-ebda Nota.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-7 ta' April 2025.

Illi dan il-każ jirrigwarda s-segwenti fatti: il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann ħareġ sejħa għall-offerti għal ġbir tal-iskart. Jidher li t-tifel tas-Sindku avviċina lill-appellat u allegatament ġie miftiehem li għal somma ta' flus l-appellat kien sejjer jiġi favorit fis-sejħa għall-offerti in kwistjoni. Allegatament iben is-Sindku nefaq il-flus għalih u l-appellat rebaħ is-sejħa għall-offerti mingħajr l-intervent ta' iben is-Sindku.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jressaq numru ta' aggravji. Għandu jingħad ukoll li fir-Risposta tiegħu, l-appellat Borg iressaq żewġ eċċezzjonijiet li din il-Qorti tqies li għandhom jiġu kkunsidrati mal-ewwel minħabba n-natura preliminari tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel eċċezzjoni</u> tiegħu l-appellat jilmenta li r-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali huwa null minħabba li ma hemmx prova tad-delega li permezz tagħha ġie delegat il-jedd li jiġi intavolat l-appell odjern. Itenni li din id-delega trid tkun espressa.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li tagħmel riferenza għal Artikolu 4 tal-Kapitolu 90 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid is-segwenti:

> "(1) Għandu jkun hemm ukoll uffiċjali li jissejħu Deputat Avukat Ġenerali u Uffiċjali oħra tal-Avukat Ġenerali li għandhom jeżerċitaw u jwettqu dawk is-setgħat, il-funzjonijiet u d-dmirijiet kollha kif jistgħu jiġu delegati jew assenjati lilhom mill-Avukat Ġenerali.
>
> (2) Fl-eżerċizzju u fl-esekuzzjoni tas-setgħat, funzjonijiet u dmirijiet iddelegati jew mogħtija lilhom kif intqal qabel, id-Deputati Avukati Ġenerali u l-

> Uffiċjali l-oħra tal-Avukat Ġenerali għandhom, sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni hija kuntrarja, ikollhom l-istess dmirijiet u jgawdu l-istess ħarsien u privileġġi li l-liġi timponi jew tagħti lill-Avukat Ġenerali."

Illi minn qari ta' dan l-Artikolu u b'mod partikolari s-sub-artikolu tnejn (2) jirriżulta li l-uffiċjali tal-Avukat Ġenerali għandhom, sakemm ma jkunx jidher li l-intenzjoni hija kuntrarja, l-istess dmirijiet u jgawdu l-istess ħarsien u privileġġi li l-liġi timponi jew tagħti lill-Avukat Ġenerali. F'dan il-każ ma tressqet l-ebda prova li hemm xi intenzjoni kuntrarja għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti r-rekwiżiti ta' Artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sodisfatti. Għaldaqstant l-eċċezzjoni in eżami qed tiġi miċħuda.

Illi fit-<u>tieni eċċezzjoni</u> tiegħu l-appellat jilmenta li huwa ma kellu l-ebda relazzjoni mal-Kunsill Lokali in kwistjoni minħabba li l-offerta saret u sussegwentement t-*tender* intrebaħ mis-soċjeta' Sammy Borg Enterprises Limited li hija persuna ġuridika distinta minnu (mill-appellat) u għalhekk jekk effettivament sar xi reat, dan sar minn tali soċjeta'. Jisħaq li għalhekk hu kellu jiġi mixli fil-vesti ta' direttur tas-soċjeta' Sammy Borg Enterprises Limited u jispjega li dan kien żball tal-Pulizija mill-bidu nett li ħasbu li hu (l-appellat) kien *self-employed*. F'dan ir-rigward jirreferi għax-xiehda tal-iSpettur Angelo Gafa.

Illi din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar din it-tieni (2) eċċezzjoni u huwa minnu li l-appellat ma ssottomettiex l-offerta f'ismu iżda f'isem is-soċjeta' Sammy Borg Enterprises Limited. Magħdud ma' dan din il-Qorti tagħmel distinzjoni bejn il-proċess li bih l-appellat allegatament kien qiegħed jiftiehem ma' Noel Agius u l-proċess li bih l-appellat f'isem is-soċjeta' Sammy Borg Enterprises Limited issottometta l-offerta tiegħu.

Illi mit-traskrizzjonijiet tar-*recordings* (Vol. IV: *a fol.* 1009 *et seq.*) imkien ma jirriżulta li t-transazzjoni kienet qiegħda tiġi negozjata għan-nom ta' xi soċjeta' u wisq anqas f'isem is-soċjeta' Sammy Borg Enterprises Limited. Anzi bil-kontra kollox isir f'isem

proprju tal-appellat. Stabbilit dan tajjeb wieħed ifakkar li ma hemmx obbligu legali li offerta għal *tender* tal-Gvern tiġi mitfugħa f'isem kumpannija. Anzi bil-kontra, operaturi ekonomiċi jistgħu jitfgħu offerta f'isimhom proprju, bħal ma fil-fatt ġara, minn offerenti oħra, f'din is-sejħa. Magħdud ma' dan dak li jilmenta minnu l-appellat huwa li f'dan l-appell hemm nuqqas *ai termini* ta' Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:
>
> Iżda, ħlief dwar reati taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'Att li fih hemm dispożizzjoni li tixbah id-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw biss għal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att."

Illi sabiex japplika dan l-artikolu jrid jirriżulta li s-soċjeta' li tagħha huwa rappreżentant l-appellat wettqet ir-reat li bih huwa mixli hu. Dan il-fatt ma jirriżultax mill-provi u għalhekk stante li mill-provi sakemm l-appellat kien qiegħed jitkellem u jiftiehem ma' Noel Agius huwa kien qiegħed jitkellem f'ismu sa dak il-mument is-soċjeta' Sammy Borg Enterprises Limited ma wettqet l-ebda reat. Di piu' huwa paċifiku li l-offerta mitfugħa mis-soċjeta' in kwistjoni rebħet is-sejħa għall-offerti fuq il-merti tagħha. Fil-fehma tal-Qorti dan ifisser li ma kienx hemm ħtieġa sabiex tiġi mħarrka wkoll is-soċjeta' Sammy Borg Enterprises Limited bil-konsegwenza għalhekk li l-appellat jiġi mħarrek fil-vesti tiegħu ta' direttur tas-soċjeta' in kwistjoni. Għaldaqstant anke l-eċċezzjoni in eżami qed tiġi miċħuda wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, hija tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti ser tibda billi tindirizza l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali flimkien minħabba li jirrigwardaw l-istess imputazzjoni u jorbtu flimkien.

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjoni żbaljata tal-elementi legali neċessarji sabiex jirriżulta r-reat ta' meta persuna tuża influwenza li jkollha, speċifikament dak ta' Artikolu 121A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jispjega li sabiex jirriżultaw l-elementi neċessarji sabiex tinstab ħtija taħt dan l-artikolu, huwa meħtieġ li l-imputat jagħti jew joffri lill-persuna oħra, vantaġġ biex din ta' l-aħħar tinfluwenza b'mod mhux xieraq terza persuna, biex

din it-terza persuna tiddeċiedi xi ħaġa. Jiċċara li f'dan il-każ trid tiġi applikata l-liġi fis-seħħ qabel is-sena 2013. Jisħaq li *ai termini* ta' Artikolu 121A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reat ikun twettaq sewwa jekk il-kapaċita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kinitx teżisti u sew jekk l-influwenza tkun saret jew ma tkunx saret u anke jekk din ma twassalx għar-riżultat pretiż. Ikompli li l-asserzjoni jew konferma, li ssir influwenza mhux xierqa, tirriżulta anke meta din issir b'mod impliċitu jew espliċitu.

Illi l-appellant jispjega li l-kunsiderazzjonijiet legali tal-Ewwel Qorti rigward dak li hemm bżonn sabiex jirriżulta reat taħt l-Artikolu 121A(1) inkluż dawk li kellu jiġi avviċinat is-Sindku huma żbaljati.

Illi għal dan l-aggravju, l-appellat iwieġeb billi jargumenta li ma seta' qatt jinsab ħati tar-reat ta' *trading in influence* stante li dan kollu ħareġ wara li kien huwa li għamel ir-rapport u wara li għadda r-*recordings*. Jgħid li dak li qal fl-istqarrija tiegħu jrid jinqara f'dan il-kuntest. Rigward il-ħlas tal-flus jisħaq li jekk seħħ ir-reat, dan ġie kkonsmat meta marru għand in-Nutar. Jgħid li sa dan il-mument huwa kien qed jaġixxi taħt l-impressjoni li kien qed jitkellem ma' konsulent u li ma kienx qed jagħmel xi ħaġa irregolari. Ikompli jargumenta li minn qari tal-istqarrija jirriżulta b'mod ċar li għalih din kienet biss diskussjoni mal-iSpettur u li ma ħa l-ebda parir legali u qatt ma basar li kien qed jesponi lilu nnifsu għar-reat ta' *trading in influence*. Ikompli li jekk xejn ir-reat wettqu s-Sindku meta flok ma għaddih ma' konsulent li kellu jigwidah b'mod legali u professjonali ta' kif għandu jfassal l-offerta tiegħu għaddieh ma' ibnu li beda jitolbu l-flus. Jgħid li huwa illitterat u huwa normali għalih li jmur il-Kunsill sabiex ikun iggwidat. Ikompli li dan huwa każ ta' abbuż mis-Sindku. L-appellat jindika li meta xi żmien wara nduna li Noel Agius kien it-tifel tas-Sindku, huwa nduna li ma kienx ħallas il-flus għal xogħol ġenwin u għalhekk huwa beda jirrekordja l-konversazzjonijiet. Jispjega li fil-fatti odjerni ma jissussistux l-elementi tar-reat stante li ma hemmx it-terz minħabba li s-Sindku ma jiddeċidiex kollox huwa imma jkun hemm Kumitat *ad hoc*. Ikompli li ma hemmx prova li Noel

Agius qal li huwa seta' jinfluenza b'mod mhux xieraq fuq il-mod ta' kif jiddeċiedi l-Kunsill u jkompli li ma nġabitx prova li Noel Agius qal li kellu l-influwenza fuq il-Kunsill Lokali li kien magħmul minn ħdax (11)-il kunsillier.

Illi rigward dan ir-reat jispjega li jeħtieġ li jkun hemm il-*mens rea* neċessarju u ċioè li l-persuna trid tkun konxja li qed taċċetta vantaġġ biex tuża l-influwenza tagħha fuq uffiċċjal pubbliku jew fuq deċiżjoni pubblika u li tkun qed taġixxi b'mod intenzjonat jew imprudenti sabiex toħloq riskju ta' korruzzjoni u abbuż ta' poter. Jargumenta li hemm element ieħor li huwa nieqes. Jirreferi għal fatt li skont l-Avukat Ġenerali, Noel Agius u missieru kienu qed jaħdmu flimkien u dan tal-ewwel minflok għadda l-flus lill-missieru nefaqhom fuqu. Għalhekk jgħid li dawn il-flus ma kellhom l-ebda influwenza fuq id-deċiżjoni. Ikompli li f'dan il-każ ma hemmx it-tielet persuna minħabba li Noel Agius u missieru huma parti waħda. Jilmenta li l-Pulizija f'nifs minnhom jgħidu li Noel Agius u missieru kienu qed jaħdmu flimkien iżda f'nifs ieħor ma joħorġux akkużi fil-konfront tal-missier minħabba li jgħidu li ma kellhomx każ b'saħħtu.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi rigward it-tieni (2) imputazzjoni. Jispjega li l-Ewwel Qorti kien messha evalwat jekk l-appellat offriex lil Noel Agius xi vantaġġ biex dan tal-aħħar jinfluwenza lis-Sindku Joseph Agius fid-deċiżjoni tiegħu. Ikompli li f'dan l-apprezzament wieħed irid iqis dak li jgħid Artikolu 121A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li l-appellat għadda xi flus lil Noel Agius sabiex dan jinfluwenza b'mod mhux xieraq lil Joseph Agius. Ikompli li l-istqarrija tal-appellat baqgħet fl-atti proċesswali wara li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba sabiex tiġi sfilzata. Itenni li din l-istqarrija saret mingħajr theddid, biża' jew wegħdiet jew twebbil. Jgħid li din l-istqarrija hija prova ċara u hija ammissjoni li l-appellat għadda l-flus lil Noel Agius sabiex dan jeżerċita influwenza mhux xierqa fuq Joseph Agius.

Illi l-appellant Avukat Ġenerali jirreferi għal kumment magħmul mill-Ewwel Qorti rigward l-istqarrija u ċioè li din setgħet tiġi misinterpretata u jisħaq li minn qari ta' din l-istqarrija, din tirriżulta ċara u dak li jgħid l-appellat huwa ċar u estensiv. Ikompli billi jgħid li jekk l-appellat ried imeri dak li qal fl-istqarrija huwa kellu kull opportunita' jagħmel hekk. Jgħid li la l-istqarrija hija meħuda skont il-liġi u din baqgħet ammessa bħala prova ma jistax jitnaqqsilha l-valur tagħha. Ikompli billi jgħid li d-dikjarazzjonijiet mogħtija minn Noel Agius permezz tal-ittri rogatorji jikkorroboraw dak li ntqal fl-istqarrija tal-appellat. Isemmi x-xiehda tan-Nutar Dr. Reuben Debono li jispjega kif kien mar fl-uffiċju tiegħu Noel Agius u kif ġew iffirmati l-kambjali minħabba li kellhom jiġu mgħoddija xi flus lil Noel Agius. Ikompli billi jirreferi għax-xiehda ta' Mario Borg, fejn minn din ix-xiehda jirriżulta kif meta dan mar biex japplika għat-*tender* u vverifika jekk kienx hemm kundizzjonijiet marbuta mas-sejħa, is-Sindku qallu li kien ser iċempillu xi ħadd. Jispjega li minn din ix-xiehda jirriżulta kif filfatt ċempillu Noel Agius li talbu sabiex jiltaqgħu. Jgħid li wara li ltaqgħu, Noel Agius talab lix-xhud is-somma ta' sebat elef Euro (€7,000).

Illi l-appellant jirreferi wkoll għax-xiehda ta' Mark Bonnici li wara li mar biex japplika għat-*tender* kien ċempillu Noel Agius u talbu s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000). Jgħid li dan juri kif l-offerta li għamel lil Sammy Borg kienet saret lill-oblaturi ekonomiċi oħra. Ikompli li dan kollu jiġi korroborat mir-reġistrazzjonijiet b'emfasi għar-reġistrazzjoni numru disgħa (9) u tmienja u għoxrin (28).

Illi rigward dan l-aggravju, l-appellat filwaqt li jirreferi għal ġurisprudenza sabiex jirrimarka li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-evalwazzjoni tal-provi sa fejn din setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha jisħaq li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni tagħha.

Illi din il-Qorti tibda billi tirrimarka li, bil-kontra ta' dak li jeżiġi l-appellant Avukat Ġenerali, hija mhux tal-fehma li għandha sserraħ fuq l-istqarrija tal-appellat. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li minbarra li l-appellat ma kellux il-jedd tal-avukat

waqt l-istqarrija, waqt ix-xiehda minnu mogħtija huwa qal li ma kienx jaf jaqra. Għalkemm din id-dikjarazzjoni hija remota u jidher li l-appellat iffirma l-offerta li ssottometta, din il-Qorti tagħmilha ċara li mhux temmen dik il-parti tax-xiehda tal-appellat fejn jgħid li l-Pulizija tawh x'jiffirma stqarrija li mhux minnha. Iżda f'dan il-każ, din il-Qorti sempliċement tagħżel li ma sserraħx fuq din id-dikjarazzjoni.

Illi rigward ix-xiehda ta' Mark Bonnici, din il-Qorti qrat din ix-xiehda bir-reqqa u minnha ma jirriżultax li Noel Agius talbu l-flus sabiex jiġi preferut fis-sejħa in kwistjoni. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li din ix-xiehda ma żżid xejn rigward din l-imputazzjoni. Rigward ix-xiehda ta' Mario Borg dan jgħid li Noel Agius ma qallux li kien ser jiġi preferut (Vol. I: *a fol.* 75). Tenut kont ta' dan, lanqas din ix-xiehda ma hija ta' fejda.

Illi jkun għaqli li wieħed jistabbilixxi liema huma l-elementi li kellhom jiġu ppruvati mill-Prosekuzzjoni taħt it-tieni (2) imputazzjoni. L-elementi neċessarji sabiex isawru reat taħt Artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kien viġenti meta seħħ ir-reat ġew spjegati fis-sentenza mogħtija fl-4 ta' Frar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Borg** (Numru 949/2010), fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali qalet is-segwenti:

> "Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha **Il-Pulizija vs. Gino Zammit** ikkunsidrat:[1]
>
> > "Illi fir-rigward tat-tieni akkuża, l-appellant instab ħati tar-reat ġdid introdott reċentement bl-Att III tal-2002, bl-artikolu 121A, kif emendat. Illi dan l-artikolu għandu tlitt subartikoli. Is-subartikolu (1) jagħmilha reat li wieħed iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi

[1] "Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, Deċiża 17.09.2008; Appell Nru. 51/2008."

> persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li tkun kapaċi li tagħmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna imsemmija fl-artikoli preċedenti, bħal uffiċjali pubbliċi, membri tal-Kamra tad-Deputati, ġurati, eċċetra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna l-oħra teżerċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor.
>
> Is-subartikolu (2) imbagħad jagħmilha reat li xi ħadd jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa imsemmija fis-subartikolu (1).
>
> Is-subartikolu (3) jgħid li r-reati imsemmija fiż-żewġ subartikoli preċedenti, jkunu kunsmati sew jekk il-kapaċita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx teżisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx għar-riżultat intiż.""

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fit-23 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dr. Noel Arrigo LL.D.** (Numru 4/2005) fejn dwar l-element tal-asserzjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet is-segwenti:

> "9. Niġu issa għat-tieni aggravju. It-tieni eċċezzjoni tal-akkużat hija kjarament ibbażata fuq il-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li Att ta' Akkuża (jew, meta l-att ta' akkuża jkollu aktar minn kap wieħed, kap ta' att ta' akkuza) ikun null "meta l-fatt miġjub fl-att ta' l-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att". Skont l-appellant, fil-parti esposittiva tat-

tieni Kap tal-Att ta' Akkuża ma hemmx, fis-sustanza, l-elementi kostituttivi tar-reat għax, fi kliem l-istess appell

**"...element...li jeħtieġ li jkun preżenti huwa li s-suġġett attiv...ikun ukoll asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaċi li jagħmel influwenza mhux xierqa fuq xi persuna msemmija fl-Artikolu 120 tal-Kap. 9...jeħtieġ li s-suġġett attiv mhux biss ikun aċċetta jew irċieva l-offerta jew il-wegħda, iżda tali offerta tkun saret proprju għaliex is-suġġett attiv ikun asserixxa li huwa kapaċi li jagħmel xi influwenza mhux xierqa."**

Frankament din il-Qorti ssibha diffiċli tifhem kif l-appellant qed jara li fil-fatti kif esposti fit-tieni kap tal-Att ta' Akkuża ma hemmx, fis-sustanza, ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 121A. Anke jekk għall-fini tar-reat kif kontemplat fl-imsemmi subartikolu (2) – u din il-Qorti f'dana l-istadju ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tgħid aktar għar-riżoluzzjoni tal-vertenza li għandha quddiemha – min ikun irċieva jew aċċetta l-offerta hemm imsemmija jrid ikun ukoll "asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaċi li jagħmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna" imsemmija fl-artikoli tal-liġi li jiġu qabel l-Artikolu 121A, din il-Qorti tara li dan l-element tal-asserzjoni jew konferma joħroġ ukoll mill-fatti kif esposti mill-Avukat Ġenerali. Tali asserzjoni jew konferma bħalma wieħed isib fis-subartikolu (1) – li tista' anke tkun mera pretensjoni, kif jispjega s-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 121A – ma hemmx għalfejn tkun espliċita, iżda huwa biżżejjed li tkun espressa impliċitament jew anke indirettament u bil-metodi multiformi ta' kif ħsieb jew idea jistgħu jiġu trasmessi minn persuna għal għand oħra. Din l-asserzjoni jew konferma (dejjem, s'intendi, kif qed jallega l-Avukat Ġenerali għax f'dana l-istadju l-Qorti ma tidħolx fil-provi imma tillimita ruħha għal dak li jkun jirriżulta mill-Att ta' Akkuża) jistgħu jiġu deżunti minn, ossia jinqraw fi,

is-segwenti brani sottolineati mill-parti espożittiva tat-tieni kap:

[…].”

Illi għalhekk l-ewwel element li ried jiġi ppruvat fir-rigward tar-reat taħt Artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa li persuna twiegħed, tagħti jew toffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda ta' Noel Agius minn liema jirriżulta s-segwenti (Vol. IV: *a fol.* 932):

“Xhud: Kien hemm flus involuti, kien hemm offruti l-flus.

Pros: Tlabt il-flus inti hux hekk?

Xhud: Huma talbuni u jien aċċettajt eżatti.

Pros: Tajjeb, issa…

Qorti: Le, inti tlabthom u huma aċċetta.

Xhud: Iva sorry.

Qorti: U fil-fatt aċċettajthom, tawk dawn il-flus?

Xhud: Iva.

Qorti: U kemm kienu dawn il-flus?

Xhud: Erbat elef (4,000) Euro.

Qorti: Erbat elef (4,000) Euro ok u min għaddihomlok dawn?

Xhud: Kienu qegħdin Sammy u John f'daqqa.

Pros: John Borg, però sussegwentement f'liema forma ngħataw lilek?

Xhud: Ta' cash.

Pros: Cash kienu

Xhud: Iva.

Pros: U dawn żammejthom dawn il-flus inti?

Xhud: Iva.

Pros: Issa, waqt il-laqgħat li kien ikollkom, l-ewwel nett dawn il-flus minn min tahomlok dawn il-flus?

Xhud: Sammy u John Borg.

Pros: Jiġifieri inti llum bil-ġurament tiegħek qed tgħid, ara hux qed niftehmu, li inti rċevejt flus minn għandhom dawn?

Xhud: Ehe...

Pros: Mhux biss wiegħda rċevejt il-flus."

Illi għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti jirriżulta li l-appellat kemm wiegħed kif ukoll ta vantaġġ lil Noel Agius. Jibqa' li wieħed irid jara jekk il-vantaġġ kienx wieħed xieraq jew le. Fil-paġna ta' qabel ix-xhud Noel Agius jispjega kif huwa kien ta lill-appellat l-impressjoni li kien ser jgħinu sabiex jikseb it-*tender* tal-ġbir tal-iskart ta' San Ġwann. Tant huwa hekk li fl-istess xhieda tiegħu, għad-domanda (Vol. IV: *a fol.* 931):

> "Jiġifieri inti għedtilhom li ħa tgħinhom biex jirbħu t-*tender*?",

ix-xhud wieġeb (Vol. IV: *a fol.* 931):

"Eżattament."

Illi għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti stante li dawn il-flus tħallsu bl-intenzjoni li s-sejħa għall-offerti tkun imbagħbsa, dan il-vantaġġ (pagament) ma kienx xieraq. L-appellat jisħaq li dan l-aġir ma jistax jissarraf f'dan ir-reat minħabba li d-deċiżjoni għall-aġġudikazzjoni tas-sejħa ma joħodhiex is-Sindku waħdu iżda tiġi meħuda mill-Kunsill. F'dan ir-rigward din il-Qorti tirrimarka li għalkemm huwa minnu li skont ir-regolamenti viġenti dak iż-żmien is-sejħa kienet tiġi aġġudikata mill-Kunsill, huwa minnu wkoll dak li jgħid l-Avukat Ġenerali li mhux element essenzjali tar-reat li persuna jkollha l-poter tinfluwenza t-terz iżda hija trid tasserixxi li tista' twettaq tali influwenza.

Illi rigward l-argument imressaq mill-appellat li r-reat seħħ meta marru għand in-Nutar u li sa dak il-mument huwa kien qed jaġixxi taħt l-impressjoni li kien qed jitkellem ma' konsulent, din il-Qorti għandha diffikulta' taċċetta dan l-argument. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li jidher li l-appellat kien imdorri jitfa offerti u għalhekk kien familjari mal-fatt li ma huwiex ir-rwol tal-awtorita' kontraenti li tispjega kif l-operaturi jiktbu l-offerta tagħhom u lanqas ma huwa r-rwol tal-awtorita' kontraenti li tqabbad xi konsulent sabiex jassistu lill-operaturi ekonomiċi. Dan sempliċiment ma jseħħx, għalhekk ma jistax ikun li l-appellat kien minn għalih li huwa kien qiegħed jitkellem ma' espert. In vista ta' dan lanqas huwa ta' fejda l-argument imressaq mill-appellat li minħabba li huwa illitterat huwa normali għalih li jmur il-Kunsill jitlob gwida.

Illi rigward l-ilment imressaq mill-appellat dwar il-fatt li meta kien qiegħed jitkellem ma' Noel Agius huwa kien qed jaħseb li kien qiegħed jitkellem ma' konsulent, din il-Qorti qrat bir-reqqa r-*recordings* u jirriżulta li l-appellat kien jaf x'kien qiegħed jiġri. Jirriżulta li tal-anqas kien hemm tmienja u tletin (38) *recording* u diġa' mir-*recording* numru disgħa (9) hemm ċara t-transazzjoni. Għalhekk isegwi li mhux korrett l-appellat meta jgħid li huwa kien

qed jaħseb li kien ser iħallas għal xogħol professjonali ta' espert. Mit-traskrizzjoni numru disgħa (9) jirriżultaw ukoll prattiċi ta' *tendering* li huma illegali u jwasslu għal *collusive tendering procedures* fejn jidher li l-appellat kien qiegħed jiftiehem dwar xi prezzijiet kellhom jintefgħu saħansitra mill-kompetituri tiegħu.

Illi t-tieni element li kellu jiġi ppruvat huwa li l-persuna li tirċievi l-vantaġġ tgħid li tkun kapaċi li tagħmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedi, f'dan il-każ is-Sindku ta' San Ġwann. F'dan il-każ, *ai termini* ta' Artikolu 92 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta s-Sindku jikkwalifika bħala uffiċjal pubbliku. Minħabba li Noel Agius kien iben is-Sindku, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa b'mod impliċitu kien qed jagħti l-impressjoni li seta' jinfluwenza d-deċiżjoni tal-għotja tas-sejħa tramite r-relazzjoni li kellu ma' missieru.

Illi dan jirriżulta wkoll mill-estratt tax-xiehda ta' Noel Agius ikkwotata preċedentement. Għalhekk mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellat kien konxju tal-fatt li permezz tal-għajnuna ta' Noel Agius huwa seta' jikseb vantaġġ fuq l-offerenti l-oħra. Tenut kont ta' dan, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa kellu l-*mens rea* neċessarju għat-twettieq ta' dan ir-reat. Ikkunsidrat dan, mhux korrett l-appellat meta jgħid li ma hemmx prova li Noel Agius qal li kellu influwenza fuq il-Kunsill u dana stante li jekk huwa seta' jgħinu jirbaħ t-*tender* isegwi li indirettament asserixxa li seta' jinfluwenza l-Kunsill!

Illi għal dan ir-reat huwa rrilevanti jekk din l-influwenza seħħitx jew le bħal ma huwa rrilevanti li d-deċiżjoni kellha tittieħed mill-kunsillieri kollha u mhux mis-Sindku biss bħal ma jargumenta l-appellat. Lanqas huwa korrett l-appellat meta jargumenta li s-Sindku u ibnu għandhom jitqiesu bħala persuna waħda. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li ma tirriżultax prova ċara li s-Sindku kien involut fil-proċess. Lanqas huwa ta' fejda l-argument magħmul mill-appellat li dan ir-reat ma seħħx minħabba li Noel Agius ma għaddiex il-flus lill-missieru. Il-fatt li ma għaddiex tali flus jista' iservi bħala difiża kontra l-imputazzjoni l-oħra iżda żgur ma għandhiex piż fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni. Tenut

kont ta' dan kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qieset li n-nuqqas ta' prova fin-ness bejn l-appellat u l-eks Sindku hija raġuni sabiex l-appellat jiġi liberat minn din l-imputazzjoni. Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li lanqas hija raġuni valida li ma ġiex ippruvat li l-membri tal-evalwazzjoni li kienu nvoluti fl-għotja tas-sejħa, kienu ġew avviċinati sabiex jiffavorixxu lill-appellat. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li tali prova ma kinitx meħtieġa. Dak li kien meħtieġ huwa li persuna "A" għadda xi vantaġġ mhux xieraq lill-persuna "B", minħabba li din tal-aħħar jgħid li huwa jista' jinfluwenza d-deċiżjoni ta' terz, b'mod li ma kienx xieraq. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn l-elementi ġew ippruvati u għalhekk din il-Qorti ser tilqa' l-ewwel żewġ aggravji mressqa mill-appellant Avukat Ġenerali bil-konsegwenza li l-appellat ser jiġi misjub ħati tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi imressqa fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u ċioè dik ta' kompliċita' fir-reat ta' korruzzjoni. Huwa jsemmi li l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq il-fatt li skont hija ma ġiex pruvat in-ness bejn Joseph Agius u l-appellat. Jispjega li proċeduri kontra kompliċi fir-reat ta' korruzjoni jistgħu jsiru qabel ma jsiru dawk tal-awtur. Ikompli li għalhekk minkejja li l-awtur tar-reat ma kienx għadu ġie proċessat, xorta waħda tista' tinstab ħtija fil-konfront tiegħu. Jirreferi għax-xiehda tar-rappreżentant tad-dipartiment tal-Gvern Lokali li kkonferma li s-Sindku f'dak iż-żmien kien Joseph Agius. Jirreferi għall-istqarrija tal-appellat u ta' kif fl-istess stqarrija huwa jispjega kif marru l-fatti. Ikompli li dan kollu ġie korroborat mir-reġistrazzjonijiet kif ukoll jirreferi għax-xiehda ta' Mario Borg u Mark Bonnici u kif dawn xehdu li ntalbu s-somma ta' sebat elef Euro (€7,000). Ikompli li l-verżjoni tas-Sindku li ibnu mar minn wara dahru ma treġix minħabba li Noel Agius ma setax ikun jaf bil-persuni l-oħra. Għalhekk dik il-parti tal-istqarrija fejn Noel Agius jgħid li mar minn wara dahar missieru ma tistax titqies bħala veritjiera. Jilmenta li l-Qorti għandha d-diskrezzjoni tagħżel

temminx xhud u li mhux kull kunflitt għandu jwassal għal liberazzjoni tal-imputat. Ikompli li trid issir evalwazzjoni tax-xiehda *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li x-xiehda ta' Joseph Agius u ta' ibnu sa fejn jirriżulta li dan ta' l-aħħar mar minn wara dahar missieru, trid tiġi skartata.

Illi għal dan l-aggravju l-appellat jirreferi għal dak li qal taħt it-tieni aggravju u japplikah għal dan l-aggravju. Ikompli li hemm kontradizzjoni assoluta bejn il-proċess kriminali u r-Rikors tal-appell stante li minn naħa waħda s-Sindku qatt ma ttella' li b'xi mod kien kompliċi waqt li f'nifs ieħor l-Avukat Ġenerali jitlob li dik il-parti tax-xiehda ta' Noel Agius fejn jiskolpa lil missieru ma kellhiex titwemmen.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tirreferi għall-punti mqajjma mill-appellant Avukat Ġenerali dwar ix-xiehda ta' Mario Borg u Mark Bonnici. Kif diġa' irrimarkat, għalkemm iż-żewġ xhieda qalu li Noel Agius kien talabhom sebat elef Euro (€7,000), ħadd minnhom ma qal li dawn intalbu sabiex jirbħu t-*tender* għal ġbir tal-iskart. Rigward il-punt argumentat mill-appellant Avukat Ġenerali fejn jgħid li Noel Agius ma setax ikun jaf bl-offerenti l-oħra, fil-fehma ta' din il-Qorti din hija mera spekulazzjoni u ma ssarrafx fi prova. Din il-Qorti tgħid dan minkejja dak li jgħidu Mario Borg u Mark Bonnici meta huma jsemmu li l-eks Sindku qalilhom li kellu jċemplilhom konsulent. Dan waħdu ma jwassalx għall-prova rikjesta fil-kamp kriminali.

Illi din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti fejn hija waslet għal konklużjoni li ma ġiex ippruvat in-ness bejn l-appellat u l-eks Sindku ta' San Ġwann li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-qofol tal-ewwel (1) imputazzjoni. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li l-ewwel (1) imputazzjoni hija dwar il-korruzjoni tal-eks Sindku ta' San Ġwann. Minħabba li hemm nieqes dan in-ness isegwi li din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata sal-grad rikjest mil-liġi fil-kamp kriminali. B'hekk l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Risposta tiegħu għall-appell tal-appellant Avukat Ġenerali, l-appellat jitlob li f'każ li din il-Qorti tilqa' l-appell imressaq mill-appellant, hija għandha tikkalibra l-piena billi toħloq bilanċ bejn l-aspetti varji li jsawwru kunsiderazzjonijiet fuq il-piena. Ikompli li dawn l-elementi huma dak riedukattiv, dak retributtiv u dak preventiv. Jispjega li huwa għandu jiġi meqjus bħal *first time offender*.

Illi tenut kont tal-fatt li din il-Qorti laqgħet l-ewwel u t-tieni aggravju mressqa mill-Avukat Ġenerali u li jirrigwardaw t-tieni (2) imputazzjoni jsegwi għalhekk li ser tiġi erogata piena fil-konfront tal-appellat. Fl-erogazzjoni tal-piena, din il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni l-argumenti mressqa mill-appellat dwar dan. Minbarra s-serjeta' tar-reat, din il-Qorti tqis li l-fedina penali tal-appellat hija waħda kważi netta b'dan illi din il-Qorti tqis ukoll il-fatt li r-reat seħħ bejn is-sena 2009 u s-sena 2010 u l-liġi viġenti dak iż-żmien u li sal-ġurnata tal-llum għaddew aktar minn ħmistax (15)-il sena.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tqis li l-piena idonea li l-appellat allura imputat għandu jiġi kkundannat għaliha fir-rigward tal-imputazzjoni li din il-Qorti sabitu ħati tagħha hija piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema għandu jkun wieħed sospiż.

Illi finalment din il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Adrian Montanaro** (Numru 453/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' priġunerija ġiet sospiża iżda, bħalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, a let off jew*

*sempliċement a slap on the hand. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.""*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellat ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u li minnha ġie liberat minn kull ħtija u piena;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u li minnha ġie liberat minn kull ħtija u piena u minflok, wara li rat Artikolu 121A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-appellat ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u tikkundannah għall-perjodu ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal perjodu ta' sena millum;

- sa fejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

Il-Qorti spjegat lill-appellat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jiġri jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien li l-perjodu ta' priġunerija tiegħu ġie sospiż.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**